# IŻ-ŻEJTUN
# 550 sena Parroċċa

Kif jixhdu l-fdalijiet ta' bini puniku/ruman fl-iskola sekondarja u l-fdalijiet ta' l-istess żmien f'tas-Silġ u nħawi oħra madwar, iż-ŻEJTUN kien post abitat sa mill-ibgħad żmien. Dan kien naturali minħabba d-daħla kennija ta' Marsaxlokk. L-isem stess tar-raħal tagħna Żejtun huwa wkoll xhieda tal-mijiet ta' snin li jgħodd. Nafu wkoll li naħa t'isfel tar-raħal kienet magħrufa bħala Bisqallin u naħa ta' fuq bħala Ħal-Ġwann. Il-knisja l-qadima jew kif insibuha 'San Girgor' ukoll tgħodd bosta u bosta snin tant li l-ewwel waħda f'dan il-lok inbniet qabel l-1300.

Fl-1436 insibu miktub għall-ewwel darba ż-ŻEJTUN msemmi bħala parroċċa u 'San Girgor' li wkoll hu dedikat lil Sta. Katerina V.M. kienet l-ewwel knisja parrokkjali b'limiti li kienu jinkludu lil Ħaż-Żabbar, Ħal-Għaxaq u Marsaxlokk. Mela l-1436 huwa t-twelid uffiċjali taż-Żejtun, anniversarju b'tifsira kbira għal min għandu għal qalbu l-ħajja soċjo-kulturali tar-raħal tagħna. Dak kollu li għadda minnu ż-Żejtun tul dawn l-aħħar ħames mija u ħamsin sena, għamilna dak li aħna llum, tana karattru li jgħażilna minn inħawi oħra. Tul dawn is-snin kollha mmaturajna f'dak li aħna llum. Missirijietna taw is-sehem tagħhom biex ħallewlna l-wirt li għandna bħala Żwieten u kiber il-kontribut ċiviku u kulturali li jeżistu fiż-Żejtun illum.

Tajjeb li dan nirriflettu fuqu. Xejn ma hu ta' ġid jekk bħal xi wħud, li jmisshom jafu aktar, inwarrbuh u nnessuh qisu qatt ma kien.



L-ewwel Knisja Parrokkjali taż-Żejtun.
Impressjoni artistika ta' Twanny Spagnol


**VICTOR CARUANA**
**(IL-BULI)**
**CRANE HIRE**
**għall kull xorta ta' xogħol**

Tel: 803163
803291
816951

28 M'Xlokk Rd.
Żejtun

